Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 742/2012**

tas-16 ta' Awwissu 2012

li jimplimenta l-Artikolu 32(1) tar-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

(ĠU L 219, 17.8.2012, p. 1)

Ikkoreġut minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 227, 23.8.2012, p. 15 (742/2012)

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 742/2012

tas-16 ta' Awwissu 2012

li jimplimenta l-Artikolu 32(1) tar-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 36/2012 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 32(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Jannar 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 36/2012.

(2) F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/478/PESK tas-16 ta' Awwissu 2012 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/782/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ([2]), għandha tiġi inkluża entità addizzjonali fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 36/2012,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-entità elenkata fl-Anness ta' dan ir-Regolament hija b'dan miżjuda fil-lista li tinsab fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 36/2012.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

([1]) ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1.
([2]) Ara paġna 21 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

▼B

ANNESS

ENTITÀ MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1

Entità

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	Drex Technologies Holding S.A.	Irreġistrata fil-Lussemburgu taħt in-numru B77616, preċedentament stabbilita fl-indirizz li ġej: 17, rue Beaumont L-1219 Lussemburgu.	Is-sid benefiċjarju ta' Drex Technologies Holding S.A. huwa Rami Makhlouf, li huwa elenkat taħt is- sanzjonijiet tal-UE talli pprovda appoġġ finanzjarju lir-reġim Sirjan.	►C1 17.8.2012 ◄